MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2007

Rikors Numru. 60/2006/1

**Carmelo Sciberras**
**vs**
**Joseph Bezzina**

**Il-Bord;**

Ra r-rikors tar-rikorrenti fejn iddikjara illi hu jikri lill-intimat ill-fond bin-numru 89, Flat 1, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, versu l-kera ta’ hamsa u tletin Lira [Lm35] fix-xahar, tithallas kull xahar bil-quddiem u l-ahhar skadenza kienet fis-27 ta’ Gunju, 2006

Illi l-intimat naqas li jhallas il-kera ghall-perjodu mis-27 t’ April, 2005 sal-lum, u dan minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas;

Inoltre, l-intimat naqas li jaghmel manutenzjoni mehtiega fil-fond lilu mikri, u naqas li jzomm il-fond nadif kif tirrikjedi

l-ligi, tant li saru diversi rapporti mill-girien dwar intejjen li hergin mill-istess fond;

Izjed minn hekk, l-intimat naqas li jhallas il-kontijiet tas-servizzi tad-dawl u ilma ghal diversi snin tant li l-ammont dovut ghall-istess issa tela konsiderevolment.

B'hekk, l-intimat naqas li jesegwixxi l-kondizzjonijiet tal-kiri, u dan minkejja li gie interpellat – anke permezz ta' ittra gudizzjarja datata l-14 ta' Dicembru, 2005 – sabiex jottempora ruhu mal-kundizzjonijiet lokatizji.

Ra illi l-intimat debitament notifikat bit-talbiet tar-rikorrenti bil-procedura tal-affissjoni naqas li jirrispondi ghall-istess talbiet;

Semghet lir-rikorrent Carmelo Caruana li kkonferma bil-gurament il-kontentut tar-rikors tieghu;

Ghalhekk dan il-Bord qed jilqa t-talbiet tar-rikorrenti u jawtoizzah jirriprendi l-pussess tal-fond 89, Flat 1, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar u dan mill-15 ta' Dicembru, 2007 'l quddiem.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------